**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 9-12

**Data: 13 ta' Awwissu** 2012

**Hin:** 6.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera - skuzata
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

1. **Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 08.12 gew moqrija u approvati b'vot unanimu fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Vici Sindku Norbert Grech.

**2. Punti mqajjma mill-Minuti:-**

2.1 Bus Shelter ta' Misrah Arcisqof Gonzi.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-platform tnehhiet ghalhekk ser jizdied l-ispazju tal-parkegg minflok il-platform. Huwa qal ukoll li l-Bus Stop ta' Triq Santa Liberata tpoggiet fil-post mifthiem cioe fejn kienet qabel ir-riforma tat-trasport pubbliku.

2.2 Devoluzzjoni tal-Art
Rigward it-talba lid-Dipartiment ghal-Gvern Lokali ghall-garaxxijiet ta' fejn l-ufficcju tal-Kunsill Lokali, il-Kunsill sar jaf li l-individwu m'huwiex lest jitlaq il-garaxxijiet. Ghalhekk il-Kunsill ghandu jsib post alternattiv.

**3 Komunikat mis-Sindku u approvazzjoni ta' xogholijiet.**

3.1 Xogholijiet.

3.1a Xoghol ta' resurfacing tat-toroq.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta dwar meta ser isiru t-toroq li ghandhom jigu asfaltati minn TM. Il-Kusill qabel b'vot unanimu li ssir konferenza stampa fi Triq Patri Mattew Sultana.

3.1b Xoghol fl-Isqaq l-Ixprunara.

Rapprezentanti tal-Kumpannija WSC marru fuq il-post flimkien mas-Sindku u l-Kuntrattur sabiex jaraw kif jista jintlahaq ftehim bejn il-partijiet kollha dwar ir-rati u l-andament tax-xogholijiet f'dan l-isqaq.

3.1d Xoghol fil-Gnien il-Papa Benedittu

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar att vandalu fuq il-grada l-gdida li ghadha kemm saret fl-area tal-bandli. Fil-fuljett li ser jitqassam f'kull dar, ser isir appell lir-residenti sabiex jiehdu hsieb l-ambjent ta' madwarhom u kull min jara lil xi hadd jivvandalizza ghandu jirrapporta minnufih.

3.2 Skema Nru 2 tal-Awtorita tad-Djar

Is-Sindku qal li minhabba li l-permess tal-Mepa ghall-bini tal-hajt u promenade fl-area ta' Bighi ser idum ma jigi approvat u b'konsegwenza ta' dan il-Kunsill jitlef l-ammont allokat ghalih mill-Awtorita tad-Djar, huwa qieghed jipproponi sabiex ghal din l-iskema jinbidel il-progett billi jsir upgrading tad-dawra tal-Binja tal-Appartamenti 25 Sena Anniversarju, fi Triq Luigi Pisani, kantuniera ma Triq Marina.

Dan il-progett jikkonsisti billi jinbidlu l-kolonni tal-madwar, kif ukoll il-bankina, jitranga l-hajt, issir sistema ta' parkegg kif suppost, isir ir-railing gdid, kif ukoll isiru decorative lamps energy saving li jdawwlu u jsebbhu din il-blokka, kif ukoll it-Triq. Sabiex il-Kunsill ma jitlifx l-ammont approvat mill-awtorita' lill-Kunsill, il-Kunsill ser jitlob li jinbidel il-progett u jekk dan jerga jkun approvat mill-Awtorita tad-Djar, il-Kunsill ikun lest jibda x-xoghol minnufih. Il-Kunsill qabel b'vot unanimu mal-proposta tas-Sindku.

**4. Korrispondenza.**

4.1 Il-Kunsill hareg zewg default notices lill-Kuntrattur tal-gbir tal-iskart minhabba diversi lmenti minn residenti dwar is-servizz tal-gbir ta' skart fil-lokal, kif ukoll dwar in-nuqqas ta' zamma ta' ndafa u ta' manutenzjoni tal-istess skips. F'kaz li s-sitwazzjoni tibqa kif inhi ghandha tinhareg l-ahhar notifika qabel il-Kunsill ikun kostrett jiehu passi ohra.

**5. Aggudikazzjoni tas-sejhiet ghall-Offerti:**

Il-Kunsill qieghed jaqbel li f'kull kaz il-Kunsill jaghzel l-aktar offerta vantaggjuza fil-prezz.

5.1 Sejha ghal-offerti ghall-Pavimentar Lava Slabs ghall-Isqaqien.

Minn evalwazzjoni li saret mill-Perit tal-Kunsill flimkien mal-Kunsill , gie deciz mill-Kunsill bi qbil unanimu li l-aktar offerta vantaggjuza hija dik mitfugha mill-kumpannija Uniking International It-termini ghall-pagamenti ghal din l-offerta huma ta' 90 gurnata minn meta l-Kunsill jircievi x-xoghol.

5.2 Sejha ghall-offerti ghas-servizz ta' Accountant.

Intefghu tlett offerti ghal din is-sejha, bl-orhos wahda tkun tas-Sur Adrian Chircop. Ghalhekk il-Kunsill qabel li l-offerta tinghata lill-Accountant Adrian Chircop.

**6. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti.**

Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 9/12.

**7. Aggornament**

Is-Seduta spiccat fit-8.30 ta' filghaxija u aggornata sine dia.

M.Cohen
Sindku

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv